MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 49/2011

Andrew **FORACE**

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li huwa sejjer iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni") u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien

tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa il-“Konvenzjoni”) minħabba li, bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 550(1) u 646(2) tal-Kodiċi Kriminali u tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta (bħala artikolu relatat), se tkun tista’ titħalla li titressaq bħala prova x-xhieda ta’ Joemic Calleja mogħtija minnu quddiem il-Maġistrat inkwirenti bla ma r-rikorrent kien preżenti u minn wara dahru; (ii) issib li l-imsemmija artikoli 550(1) u 646(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta (bħala artikolu relatat) huma “*ultra vires*” l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; (iii) tordna li l-istqarrija tal-imsemmi xhud għandha titħalla titressaq biss għall-finijiet biss ta’ kontroll tax-xhieda orali li tingħata waqt is-smigħ tal-każ quddiem il-ġurati; u (iv) tagħti d-direttivi u l-ordinijiet li jidhrilha xierqa biex tħares il-jeddijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Awissu, 2011, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għat-18 ta’ Ottubru, 2011;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-9 ta’ Settembru, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li l-intimat Prim Ministru jmissu jinħareġ mill-kawża għaliex, safejn l-azzjoni qiegħda tattakka l-kostituzzjonalita’ ta’ xi liġi, huwa biżżejjed li jkun imħarrek l-Avukat Ġenerali. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li b’xi mod kien seħħ jew sejjer iseħħ ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq għaliex ma sar xejn minn wara dahar ir-rikorrent u x-xhud Calleja kien diġa’ ta x-xhieda tiegħu u kien għadu meqjus bħala xhud tal-Prosekuzzjoni għal quddiem. Saħqu li ma hemm xejn fid-dispożizzjonijiet tal-liġi attakkati mir-rikorrent li jiksru l-jedd ta’ smigħ xieraq, billi l-għan tal-istess dispożizzjonijiet huwa dak li jikkontrollaw abbuż mistmerr tal-proċess ġudizzjarju meta persuna li tkun xehdet waqt inkjesta maġisterjali tibdel il-verżjoni tagħha minħabba pressjoni jew tixħim li jsiru fuqha minn terzi persuni. Filwaqt li irrieferew għall-verbal magħmul mill-Prosekuzzjoni fl-atti tal-Kumpilazzjoni tal-istess rikorrent, qalu li t-talbiet tar-rikorrent ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Novembru, 2011[1], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent waqt is-smigħ ta’ dak inhar, ordnat li ssir il-bidla f’waħda mit-talbiet fir-Rikors promotur;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Novembru, 2011, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor ix-xhieda kollha tal-intimati f’seduta waħda;

Rat ix-xhieda mressqa quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Jannar, 2012[2], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub u tat lill-partijiet żmien għal dan;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-15 ta’ Frar, 2012[3];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fid-9 ta’ Lulju, 2012[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat ir-Replika mressqa mir-rikorrent fil-11 ta’ Lulju, 2012[5];

Rat il-Kontro-Replika mressqa mill-intimati fis-26 ta’ Lulju, 2012[6];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Lulju, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġ. 44 tal-proċess
[3] Paġġ. 45 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 57 sa 66 tal-proċess
[5] Paġġ. 67 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 70 – 2 tal-proċess

Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab u sejjer iġarrab ksur ta' jedd fundamentali dwar smigħ xieraq minħabba xhieda li nstemgħet minn Maġistrat Inkwirenti bla ma kien preżenti r-rikorrent jew avukat tiegħu u minħabba li l-liġi tħalli li dik ix-xhieda tkun tista' tintuża f'kull stadju tal-proċeduri li nbdew kontrih. Huwa jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 550(1) u 646(2) tal-Kodiċi Kriminali u tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiksru l-jedd ta' persuna akkużata li jkollha smigħ xieraq għaliex jippermettu l-ġbir ta' provi minn wara dahar il-persuna akkużata u mingħajr il-kontroll tagħha, u wkoll għaliex tmur kontra l-prinċipju ewlieni tal-"*equality of arms*" bejn il-partijiet f'kawża, mistenni fi proċediment kriminali;

Illi l-intimati laqgħu għal dan l-ilment billi, fl-ewwel lok u b'md preliminari, qalu li l-intimat Onorevoli Prim ministru ma jmissux tħarrek f'din il-kawża u li l-leġittimu kontradittur waħdieni kellu jkun l-Avukat Ġenerali. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma huwa minn u xejn li r-rikorrent ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu u żiedu li l-għan tad-dispożizzjonijiet li huwa jattakka hu dak li jiżgura li ma jsir l-ebda abbuż mill-proċess ġudizzjarju fejn xhud, minħabba pressjoni li ssirlu, jibdel il-verżjoni tax-xhieda li jkun ta fi stadju bikri;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li r-rikorrent jinsab għaddej kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'reati marbuta ma' importazzjoni u traffikar ta' droga;

Illi lejn l-aħħar ta' Novembru tal-2010, il-Pulizija żammew lil wieħed Joemic (jew magħruf ukoll Jomic) Calleja hu u ħiereġ minn fergħa tal-Posta f'Ħaż-Żebbuġ wara li kien mar f'dik il-fergħa biex jirtira pakkett li ntbagħtlu minn barra minn Malta. Fis-26 ta' Novembru, Calleja għażel li jagħmel stqarrija mal-Pulizija[7]. Hu semma xi persuni li qal li kienu mdaħħla fl-episodji li dwarhom tkellem. Fost dawn hu semma lir-rikorrent. Huwa għażel li jiffirma l-istqarrija;

[7] Dok "VA", f'paġġ. 20 – 5 tal-proċess

Illi dak inhar, il-Pulizija talbet bil-fomm lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tisma' lil Calleja taħt ġurament jikkonferma dak li qal fl-istqarrrija tiegħu lill-Pulizija, Il-Maġistrat Inkwirenti semgħet lil Calleja taħt ġurament dak inhar filgħaxija[8] u fit-30 ta' Novembru, 2010, irrediġiet proċess-verbal bit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Calleja u d-dokumenti mressqa, b'ordni li jintbagħat lill-Avukat Ġenerali;

Illi, eventwalment, aktar tard fl-2010, il-Pulizija ressqet lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. F'Jannar tal-2011, il-Prosekuzzjoni tellgħet lil Calleja bħala xhud tagħha, iżda minħabba li kontrih kienu nbdew proċeduri kriminali konnessi mal-każ tar-rikorrent, il-Qorti wissietu dwar jekk kellux jagħti x-xhieda tiegħu qabel ma jkun tkellem ma' l-avukat tiegħu[9]. Madankollu, waqt smigħ quddiem l-istess Qorti fl-24 ta' Ġunju, 2011, l-avukat difensur tar-rikorrent għarraf lill-Qorti li Calleja kien qiegħed il-Qorti biex jagħti x-xhieda tiegħu. Dak inhar, il-Prosekuzzjoni għamlet verbal biex turi t-tħassib tagħha dwar ir-rieda ta' Calleja li jixhed u kif id-difiża kienet taf li x-xhud kien lest jiddeponi ladarba l-Prosekuzzjoni ma kenitx ħarrkitu biex jitla' jixhed dak inhar fid-dawl tar-riżerva li kienet saret fis-smigħ ta' Jannar ta' qabel[10]. Fil-fatt, dak inhar Calleja xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u x-xhieda tiegħu kienet bidlet mill-verżjoni tax-xhieda li hu kien ikkonferma b'ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti f'Novembru tal-2010, l-aktar f'dak li jirrigwarda s-sehem tar-rikorrent fil-ġrajjiet imsemmija[11];

Illi fit-22 ta' Lulju, 2011, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li dan il-każ jitlob li jsiru jindirizzaw b'mod speċifiku l-ilmenti tar-rikorrent. Dan qiegħed jingħad għaliex l-ilmenti jagħfsu fuq aspett partikolari tal-jedd ta' smigħ xieraq għal persuna involuta fi proċedimenti kriminali. Kemm hu

[8] Dok f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[9] Dok "JH1", f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess
[10] Dok "VA" f'paġ. 33 tal-proċess
[11] Xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina 2.12.2011, f'paġġ. 35 – 6 tal-proċess

hekk, fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jgħid li l-ilment tiegħu ġej minn u jinbena fuq il-fatt li bit-teħid ta' x-xhieda ta' Calleja min-naħa tal-Maġistrat Inkwirenti u l-jedd li tagħti l-liġi li dik ix-xhieda tista' titħalla tintuża bi prova wkoll quddiem il-Qorti fl-istadju tas-smigħ tal-każ tiegħu filmertu, ir-rikorrent se' jkun tqiegħed f'pożizzjoni ta' żvantaġġ konsiderevoli fil-konfront tal-Prosekuzzjoni, u dan għaliex dik ix-xhieda ttieħdet fin-nuqqas tal-preżenza tal-persuna akkużata u bla ma din setgħet tikkontrolla dak ix-xhud. Ir-rikorrent isemmi speċifikatament id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u 6(3)(d) tal-Konvenzjoni. Ma jagħmel l-ebda sottomissjonijiet dwar kif l-ilment tiegħu jolqot l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li huwa wkoll isemmi fit-talbiet tiegħu. Iżda dwar l-artikolu 39, il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem;

Illi safejn huwa rilevanti għall-każ tal-lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*". Barra minn hekk, l-artikolu 39(6) jipprovdi li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-Qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni. ...*";

Illi min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*". Filwaqt li l-artikolu 6(3) tal-istess Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: ... (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta'*

*xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu*";

Illi fil-partijiet rilevanti, l-artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li "*(1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda fl-inkjesta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja. (2) Madankollu, l-Pulizija tkun tista' ġġib lil kull waħda mill-persuni msemmija fis-subartikolu (1) biex tagħti xiehda fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja fuq materji speċifiċi u biex l-Avukat Ġenerali jġib lil kull min irid minn dawk il-persuni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 405. Il-persuna mixlija tkun tista' wkoll iġġib lil kull min irid minn dawk il-persuni bil-għan li jsirilha kontro-eżami .....*";

Illi l-artikolu 646 tal-istess Kodiċi Kriminali, fil-partijiet rilevanti għal dal-każ, jipprovdi li "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce. (2) Ix-xiehda ta' xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kumpilazzjoni, skond il-liġi, tista' tinġieb bħala prova jekk: Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8): Iżda wkoll meta x-xhud ikun minuri taħt is-sittax-il sena u tinġieb bi prova reġistrazzjoni bl-awdjo u bil-video tax-xiehda tal-minuri, il-minuri ma għandux jinġieb biex jiġi eżaminat viva voce kemm-il darba l-Qorti ma tordnax li jsir xort'oħra għal xi raġuni li toriġina wara d-data meta dak il-minuri jkun ta x-xiehda tiegħu u l-Qorti tqis li dan ikun fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kxif tas-sewwa. ... (4) Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550. ... (10) L-Avukat Ġenerali, kif ukoll l-akkużat, jista' jitlob li jiġi deċiż mill-qorti, qabel ma jibda s-smigħ tal-kawża, jekk ix-xiehda ta' xi xhud għandhiex tiġi ammessa, kif jingħad fis-subartikolu (2)*";

Illi għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) safejn rilevanti għall-każ jipprovdi li "*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f 'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi*";

Illi jekk wieħed jifli sewwa l-argumenti mressqa, għandu jsib li r-rikorrent m'huwiex kontra li d-depożizzjoni magħmula minn Calleja b'ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti tista' tintuża b'xi mod waqt is-smigħ tal-kawża tiegħu, iżda jgħid li għandha tintuża biss għal skopijiet "ta' kontroll". B'dan jidher li huwa jifhem li dik ix-xhieda tkun tista' tintuża – kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-difiża – biex ix-xhud jitfakkar x'ikun qal qabel, jekk kemm-il darba waqt il-kawża x-xhieda tiegħu tkun inbidlet. Fi kliem ieħor, ir-rikorrent innifsu jistqarr li xhieda mogħtija minn persuna quddiem il-Maġistrat inkwirenti għandha siwi wkoll fit-tfittxija tas-sewwa u saħansitra fit-tmexxija xierqa tal-kawża. Dak li r-rikorrent jidher li ma jridx hu li, f'każ li xhud (quddiem il-Qorti Istruttorja jew quddiem il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura) jixhed b'mod, ix-xhieda tiegħu ma tkunx tista' titwaqqa' billi l-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ tħalli x-xhieda (kuntrarja jew kunfliġġenti) li kienet instemgħet mill-Maġistrat inkwirenti titqies bħala prova li tiswa wkoll fil-każ tal-akkużat. Ir-raġuni mogħtija mir-rikorrent għal dan l-ilment hi li dik ix-xhieda tkun ittieħdet fl-assenza tal-persuna akkużata;

Illi l-intimati jwarrbu dan l-argument u jisħqu li l-għan tas-saħħa probatorja fi proċess verbal huwa dak li, ladarba jkun mibni b'mod regolari u b'ħarsien sħiħ ta' dak li trid il-liġi, jiggarantixxi l-ħarsien ta' provi miġbura fl-istadju tal-

inkjesta f'każ li jkun meħtieġ l-użu tagħhom aktar 'il quddiem waqt is-smigħ tal-kawża.  L-intimati jgħidu li dan mhux talli jġib ksur tal-jeddijiet tal-parti akkużata jew mixlija li jkollha smigħ xieraq, talli jirrappreżenta għall-istess akkużata l-garanzija li prova bħal dik inġabret kif imiss u taħt il-kontroll ta' qorti.  Huma jżidu jgħidu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nfushom li r-rikorrent irid jattakka fihom regoli fis-sens li dak li jippermettu li tista' titlob il-Prosekuzzjoni huwa mogħti wkoll lid-difiża;

Illi fir-replika tiegħu, r-rikorrent jaċċetta s-siwi u r-rilevanza tal-proċess verbal bħala strument proċedurali fejjiedi għall-ġbir u l-ħarsien tal-provi li jistgħu jintużaw f'każ kriminali[12].  Dak li jilminta minnu hu l-fatt li xhieda li tingħata f'atti bħal dawk ma tkunx "*viva voce*" u saħansitra tikser dik ir-regola jew iġġibha fix-xejn.  Jibża' li bil-mod kif inhi l-liġi llum, Qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ tista' twarrab għal kollox xhieda li tinstema' quddiemha u toqgħod biss fuq ix-xhieda miġbura fil-proċess verbal.  Kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, il-Qorti jidhrilha li l-argument tar-rikorrent, imressaq f'dawn it-termini, huwa wieħed x'aktarx simpliċistiku u ma jqisx il-ħtiġijiet li kemm il-liġi nnifisha u kif ukoll id-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti ta' Strasbourg jistennew li għandhom jirriżultaw f'ċirkostanzi bħal dawn;

Illi l-Qorti tqis li l-Konvenzjoni tgħodd il-jedd li l-persuna akkużata tista' ssejjaħ xhieda bħala waħda mill-elementi ewlenin tal-prinċipju ta' smigħ xieraq.  Iżda, f'dan ir-rigward l-istess dispożizzjoni tal-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni ma tippreskrivix li dak il-jedd huwa wieħed assolut.  Kif ingħad, "*Neither the accused's right to cross-examine witnesses nor his right to call defence witnesses is absolute.  However, such limits as are set or occur must be consistent with the principle of equality of arms, the full realisation of which is the 'essential aim' or article 6(3)(d). ...  As to the calling of witnesses for the defence, it is for the national courts, as a general rule, to assess whether it is appropriate to call witnesses.  Although the national court's decision is subject to review under Article 6(3)(d),*

---
[12] Paġ. 67 tal-proċess

*the Commission has generally adopted a relaxed approach to its role of monitoring the exclusion of witnesses, seldom questioning a national court's exercise of its discretion in the assessment of the relevance of the proposed evidence. ... A decision to exclude a defence witness under Article 6(3)(d) may, however, be a breach of the general fair hearing requirement in Article 6(1)*"[13]. F'kull każ, meta qorti nazzjonali tiċħad it-talba tad-difiża biex titħalla tressaq xhud tagħha, huwa meħtieġ li dik il-qorti tagħti r-raġuni jew raġunijiet għal dik iċ-ċaħda b'motivazzjoni xierqa;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum ir-rikorrent m'huwiex qiegħed jilminta mill-fatt li mhux sejjer jitħalla jressaq lil Calleja b'xhud tiegħu. Għall-kuntrarju, mill-atti tal-kawża jidher[14] li r-rikorrent innifsu diġa' talab lill-Qorti Istruttorja biex tħallih iressaq lill-imsemmi Calleja. L-ilment tar-rikorrent huwa dwar ix-xhieda li Calleja diġa' ta taħt ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti u jekk din imisshiex titħalla titressaq bħala prova mill-Qorti li sejra tisma' l-każ tiegħu;

Illi b'żieda ma' dan huwa aċċettat u mgħallem li "*Paragraph 3(d) does not grant the accused an unlimited right to secure the appearance of witnesses in court. In principle, it is for the national courts to consider whether a particular witness should be heard. Therefore, it is not sufficient for an applicant to complain in Strasbourg that he has not been allowed to question a certain witness; in addition, he must explain why it is important for the witness concerned to be heard and the evidence must be necessary for the establishment of the truth. ... The second limb of paragraph 3(d) clearly allows for discretion on the part of the national court because its only requirement is that the prosecution and the accused receive equal treatment in this respect. With regard to the summoning of witnesses for the defence and their examination, domestic law and the courts may set conditions and impose restrictions, provided that these*

---

[13] Harris, O'Boyle, Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights* (1st Edit, 1995) pp. 267 – 8

[14] Ara Dok "JH", f'paġ. 41 tal-proċess

*apply equally in respect of the witnesses for the prosecution. ... However, here again, the fact that paragraph 3(d) has not been violated does not yet mean that the requirements of the first paragraph have been satisfied. Moreover, the Strasbourg Court has restricted the discretion of the courts somewhat by requiring that the national courts should state the reasons for rejecting a request of the accused to summon a witness*"[15];

Illi l-istess awturi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ammissibilita' ta' xhieda ammissibbli u l-preżunzjoni tal-innoċenza tal-parti akkużata u l-jedd tagħha li tressaq ix-xhieda li jidhrilha meħtieġa, jiktbu li "*The evidence put forward at the trial may refer back to statements previously made by the accused or testimony by witnesses, provided that the latter can be revoked or refuted during the trial. If a witness does not wish to act as a witness during the trial and can advance a legitimate reason for it, there is no objection to a reading of previous testimony, provided that the right of the defence to question witnesses is sufficiently upheld. ... If this condition has not been met, the verdict must not be based exclusively or largely on such testimony. ... The use as evidence of a statement made in the pre-trial phase by a person who subsequently, in accordance with national law, refuses to give evidence in court, is in itself not incompatible with the Convention. However, it may lead to a conviction only if there exists evidence that corroborates the statement*"[16]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sottomissjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward[17] u għall-ġurisprudenza li ssostni dawk l-istess sottomissjonijiet[18];

Illi jekk wieħed iħaddem l-imsemmija prinċipji għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed jara li l-fatt waħdu li stqarrija magħmula minn persuna fi żmien qabel ma jkun inbeda l-proċess (għalhekk dan jgħodd fih ukoll l-istadju tal-inkjesta) titħalla tgħodd bħala prova ma jiksirx id-

[15] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4[th] Edit) pp 644, 648 – 9
[16] *Op. cit.* pġġ. 626 u 645
[17] Paġġ. 62 – 4 tal-proċess
[18] Q.E.D.B. **10.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Jacubcyzk vs Polonja*** (Applik. Nru. 17354/04) §§ 43 – 5

dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Mela, fil-fehma tal-Qorti, anqas u anqas jinkisru d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fejn dik l-istqarrija tkun ħadet is-sura ta' xhieda maħlufa meħuda quddiem qorti, bl-għoti tal-garanziji u twissijiet li dik ix-xhieda kienet ħielsa u mhux magħmula kontra r-rieda tal-persuna jew bi twebbil ta' xi vantaġġ jew favur. Fuq kollox, iżjed jitbiegħed il-biżgħa ta' ksur tal-Konvenzjoni fejn il-parti akkużata jkollha l-opportunita', waqt is-smigħ tal-kawża, li tressaq lil dak ix-xhud jew b'xhud tagħha jew fil-kontro-eżami. Dawn iċ-ċirkostanzi huma kollha disponibbli lir-rikorrent fil-każ tal-lum;

Illi l-Qorti tqis ukoll li meta Calleja għażel li jikkonferma l-istqarrija li ta lill-Pulizija b'ġurament quddiem il-Maġistrat inkwirenti, dan kien fi stadju fejn il-Pulizija ma kienet għadha xliet lil ħadd (lanqas lil Calleja nnifsu), wisq anqas lir-rikorrent. B'dan il-mod, il-Qorti ma tifhimx kif ir-rikorrent ippretenda li jkun preżenti meta Calleja ikkonferma x-xhieda tiegħu jew kif l-għoti ta' dik ix-xhieda sata' jitqies li ttieħed minn wara dahru;

Illi mbagħad jekk wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 550(2) u 646(10) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jidher ċar li l-liġi tagħti setgħat indaqs kemm lill-Prosekuzzjoni u kif ukoll lill-parti mixlija jew id-difensur tagħha biex jirregolaw l-għoti tax-xhieda meħuda waqt proċess verbal u kif ukoll – u hawn tidħol garanzija ta' ħarsien ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq – li tkun Qorti nnifisha li tgħid jekk dik l-għamla ta' xhieda hijiex ammissibbli fil-kawża. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jolqot ħafna l-ilment tar-rikorrent dwar ksur tal-prinċipju tat-trattament indaqs ("*equality of arms*"), jekk ma jġibux saħansitra fix-xejn;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li r-rikorrent qiegħed jattakka jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas jirriżultalha li t-tħaddim tal-istess dispożizzjonijiet qiegħed jikser il-jedd tal-istess rikorrent għal smigħ xieraq taħt l-istess artikolu;

Illi safejn l-ilment tar-rikorrent jirreferi għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tajjeb li jingħad li llum huwa aċċettat li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qiegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[19] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[20]. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati fil-Kontro-Replika tagħhom[21];

Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom ir-rikorrent ressaq it-talba tiegħu jirrigwardaw ġrajja li seħħet qabel ma kien inbeda xi proċediment kontrih, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-proċediment issa jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja: f'dan il-każ, jidher li l-istħarriġ dwar jekk ix-xhieda mogħtija minn Joemic Calleja quddiem il-Maġistrat inkwirenti tiksirx il-jedd tar-rikorrent taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew jekk 'il quddiem il-Qorti Kriminali hijiex sejra tħalliha titressaq bħala prova kontra r-rikorrent huwa wieħed qabel waqtu[22];

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur lanqas taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi, fl-aħħarnett, għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Onorevoli Prim Ministru, il-Qorti jidhrilha li r-raġunament tal-intimati huwa tajjeb u li, għall-għamla ta' lmenti li ressaq ir-rikorrent, kien biżżejjed li l-kawża ssir kontra l-intimat l-ieħor, jiġifieri l-Avukat Ġenerali;

---

[19] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[20] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***
[21] Paġ. 70 tal-proċess
[22] Ara Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et vs Kummisarju tal-Pulizija***

Illi, madankollu, minħabba li l-Qorti waslet għall-fehma li l-azzjoni tar-rikorrent fil-mertu m'hijiex mistħoqqa, ma huwiex il-każ li toqgħod tiddelibera fuq dan l-aspett f'aktar tul, ladarba l-effett hu li l-intimati xorta waħda sejrin jinħelsu mir-responsabbilta' li r-rikorrenti ippretenda li jġorru;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li seħħ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fl-ilment minnu msemmi;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 550(1) u 646(2) tal-Kodiċi Kriminali u tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma jmorrux lil hinn mis-setgħat tal-imsemmija artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 ta' l-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi dawn huma konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilhom;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-intimat; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------